MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Numru. 248/2009

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)
(Spettur Chris Galea Scanura)

vs

Andriy Petrovych Pashkov

**IL-QORTI RIMANDANTI**

Rat it-talba in ezami li biha din il-Qorti ntalbet sabiex tipprocedi kontra l-imsemmi Andriy Petrovych Paskov, maghruf minn issa l-quddiem bhala "il-persuna" ai termini tal-artikoli u disposizzjonijiet tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-estradizzjoni u dan peress li l-istess persuna hi mfittxija mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Ukrajna (Qorti Distrettwali ta' Kiyevskiy fil-Belt ta' Kharkov), pajjiz barrani msemmi ghall-finijiet tal-artikolu 7 tal-istess Att imsemmi ghal reati ta' approprijazzjoni bla jedd allegat kommess fil-

perjodu bejn l-1 ta' Jannar u t-18 ta' April 2007, liema akkuzi huma elenkati fid-dokument market Dok A, dan formanti parti mid-dokumentazzjoni esebita presenzjalment u markata Dok AG (fol 14 sa fol 38 ibid).

Rat il-mandat ta' arrest provvisorju mahrug kontra l-istess persuna (fol 8 tal-atti).

Rat l-"authority to proceed" mahruga mill-Ministeru tal-Gustizzja u Intern skond l-artikolu 13 tal-istess ligi.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-istess persuna minn jeddha kif ukoll semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti minnha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat
Illi, in rigward it-talba in ezami li tirreferi ghall-istadju meta ghandhom jigu decizi kwistjonijiet ta' natura gudizzjarja din il-Qorti Rimandanti f'dan l-istadju trid tara jekk ir-rekwiziti kollha, mill-lat dejjem gudizzjarju gewx sodisfatti pjenament sabiex tkun tista' taghti l-ordni ghall-estradizzjoni fil-konfront tal-persuna.

Ikkunsidrat
Illi l-ewwel punt li ser jsir accenn ghalih hu dak specifikat fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 276 gja citat cjoe dak dwar "extraditable offence". Waqt li jidher car illi dan il-punt ma giex kontestat mill-abili difensur tal-persuna, xorta wahda din il-Qorti rat jekk dan ir-rekwizit giex sodisfatt.
Illi l-imsemmi artikolu jghid illi "extraditable offence" ossija reat ta' estradizzjoni hu dak li dwaru persuna mahruba tista' titregga lura ghal dak il-pajjiz skond l-arrangament u li dwaru tista' tehel piena ta' prigunerija ghal zmien tnax-il (12) xahar jew aktar u l-ghemil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi r-reat jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien, ukoll, jikkostitwixxi reat kontra l-ligi Maltija li kieku sar

fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin jew, f'kaz ta' reat kommess barra t-territorju Malti, fl-istess cirkostanzi barra minn Malta.
Illi minn ezami tal-artikolu precitat kif applikat ghal kaz in desamina jidher car li f'dan il-kaz li jinvolvi d-delitt ta' approprijazzjoni bla jedd jew indebita, trattasi ta' delitt soggett ghal estradizzjoni (ara l-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat
Illi, issa jigi trattat u deciz dan il-kaz skond dak li jinghad fl-artikolu 15(3)(a) tal-istess ligi in materia. Hawnhekk il-Qorti Rimandanti trid tkun, ukoll, sodisfatta illi l-provi prodotti matul dawn il-proceduri, huma sufficjenti biex jiggudikaw li l-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat f'kaz li dan gie kommess fil-gurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Maltin. Hawnhekk jkun opportun li wiehed jissoferma ruhu u jinghad, fil-qasir, x'jfisser dan l-artikolu citat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif konfortata minn gurisprudenza "in materia" gja pronunzjata mill-Qrati lokali f'diversi kazijiet, l-istess provi ghandhom jigu ezaminati u analizzati "finditus" mhux semplicement sabiex wiehed jara jekk il-persuna tistax tigi suspettata li setghet ikkomettiet delitt izda l-Oorti trid tara, oggettivament jekk tistax, ragjenevolment, tinstab htija fil-konfront tal-persuna. Din il-Qorti, ma hiex kompetenti li tiddikjara bniedem hati jew mhux hati ta' dak addebitat lilu izda trid tara' bid-debita attenzjoni rikjesta, illi l-provi, jekk jigu konsiderati minn bniedem ragjonevoli, jistghux jwasslu li tista' tinstab htija fl-istess persuna. Certament, f'kaz li hemm nuqqas totali ta' provi inkriminanti jew l-istess provi huma manifestament insufficjenti ghal dan il-ghan, din il-Qorti trid tichad talba ghall-estardizzjoni. Pero', jekk mill-provi, jirrizulta li dawn huma bizzejjed sabiex minnhom jirrizulta l-esistenza u l-kommissjoni ta' delitt ta' estradizzjoni u li jista' jissussisti ness bejn l-ghemil jew nuqqas kriminali u l-persuna li taghha qed tintalab l-estradizzjoni peress li ghandha "a case to answer", ghandha tigi ordnata t-treggija lura tal-istess persuna. Dan kollu qed jinghad anke jekk il-Qorti

jkollha dubbju ragjonevoli, dwar il-htija tal-istess persuna peress li dan joltrepassa l-kompetenza ta’ din il-Qorti.

Illi, hawnhekk, din il-Qorti rat u analizzat il-provi ezebiti minn u taht, din il-lenti b’mod specjali l-verbali tax-xhieda interrogati kif tradotti b’mod specjali dik ta’ Tatiyana Vladimirova Chizhyk, ta’ Aleksei Nikolaijevich Tkachenjo, Yuny Alexandrovich Budkin, Maksim Igorenich Zyezyulin, Igor Ivanovich Stensenko, anke f’konfront mal-ewwel xhud imsemmi bil-kunjom Chizhyk, Yevgeniy Leonidovich Glushko, Karpov Artstsikovich Sefanyar, Andrey Alekseevich Sholomuy, Alexander Viktoronich Latyshev, Tatijana Vladimornia Uranova u Svetlana Ivanova Kovolzova. Minn dawn il-provi, l-Qorti hi tal-fehma illi minnhom jista’ jirrizulta “iter criminis” li jinvolvi d-delitt ta’ approprijazzjoni bla jedd u indebita ta’ oggetti principalment “scratch cards”, appartenenti lis-socjeta li f’dawn il-proceduri hi l-parti civili, liema oggetti gew moghtija lil terzi persuni, bir-rikavat mehud mill-persuna li taggha qed tintalab l-estardizzjoni taghha. Fi ftit kliem, minn dawn il-provi jirrizulta illi l-istess persuna setghet ikkomettiet id-delitt imsemmi u din tista’ tinstab hatja tal-istess delitt. Ghalhekk, f’dan il-kaz, il-Qorti hi pjenament sodisfatta illi dak rikjest mill-artikolu 15(3)(a) hawn fuq citat irrizulta f’dan il-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi, l-abili difensur tal-persuna ssottometta zewg punti ohrajn vis-à-vis it-talba in ezami.

a) L-istess persuna, allegat li fil-konfront taghha, kien sar theddid ghall-inkolumita tieghu u tal-familja. Dwar dan il-punt, jissemma’ certu Taras Dovgiin skond kif jidher mix-xhieda ta’ Sergey Burtsev (fol 131 et seq ibid), tal-Avukat Jatchilav Golovinov (fol 113 et seq ibid) kif ukoll l-istess persuna (fol 144 et seq ibid). Fix-xhieda tieghu, il-persuna tiddeskrivi r-relazzjoni tieghu ma’ Taras Dovgiin kemm mill-lat kummercjali kemm minn dak politiku. Hawnhekk dwar dan il-punt, il-Qorti ghandha dubbju gravi dwar kemm seta’ sar dan it-theddid fil-konfront tal-persuna specjalment meta tigi konsiderata d-deposizzjoni ta’ Sergey Burtsev li qal illi l-ishab fil-kummerc tal-persuna

kienu qed jfittxuh wara li dan sparixxa "….because he had allegedly stolen some money from a company". Inoltre dan ix-xhud meta mistoqsi jekk jafx dwar xi minacci fil-konfront tal-persuna, hu qal illi shabu kienu qed jfittxuh minhabba r-raguni li ghadha kemm issemmiet, minghajr ma accenna ghal xi theddid ghall-inkolumita tal-persuna jew familjari tieghu. Ghalhekk il-Qorti thoss li ma ghandhiex titratta dan il-punt bhala wiehed attwali. Din il-konkluzzjoni hi msahha minn dak li xehed l-imsemmi Avukat a fol 117 ossija "I cannot say for sure by whom Mr. Pashkov was being threatened. I did not file any complaint in regard to the threats being received by Mr Pashkov".

b) L-istess abili difensur tal-persuna semma' illi, f'dan il-kaz jistghu jkunu applikabbli r-restrizzjonijiet generali kif specifikat fl-artikolu 10 tal-istess Kapitolu 276. Dwar dan, id-difiza pproduciet lil Davinia Vella f'isem "Amnesty International" (fol 103 u fol 119 et seq ibid) kif ukoll l-imsemmi Avukat Jatichlav Golovinov. L-artikolu citat jindika restrizzjonijiet generali in rigward l-estradizzjoni ta' persuna specifikatment jekk din hi akkuzata ta' reat ta' natura politika jew qed tigi pprocessata minhabba razza, l-post ta' origini, n-nazzjonalita, l-fehmiet politici, l-kulur jew it-twemmin taghha. Certament il-kaz in desamina ma jinkwadrax ruhu f'dan l-artikolu. Pero' jidher ukoll illi saret referenza ghal punti ohra fis-sens li qed jigi allegat illi l-persuna, fil-pajjiz li qed jitlob l-estardizzjoni taghha, ser tkun soggetta ghal process kriminali fl-istess pajjiz minghajr id-dritt ta' smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn Qorti indipendenti u inparzjali mwaqqfa b'ligi u d-drittijiet l-ohra specifikati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni in rigward proceduri kriminali. Inoltre qed jigi allegat illi l-istess persuna, fil-pajjiz barrani ser tkun soggetta ghal trattament inuman jew degradanti (artikolu 36 tal-istess Kostituzzjoni). In rigward dak li ghadu kemm gie premess, din il-Qorti ezaminat zewg sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fid-9 ta' Marzu 2007 (In the Extradition Proceedings in the names "The Police vs Lewis Muscat") u fid-19 ta' Frar 2007 ("Luiza Merajian Zakarian vs the Minister of Home Affairs and the Principal Immigration Officer"). Hu minnu li din tal-ahhar kienet tinvolvi deportazzjoni izda certi principji u kriterji enunzjati

jistghu jkunu applikabbli f'kaz ta' estradizzjoni wkoll. Dwar il-punti in ezami, li jinvolvu ukoll l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, formanti parti mill-ligi maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti Kostituzzjonali irretjeniet illi "….what must be shown even if, at least, on a balance of probabilities, is that (the person to be extradited) faces a specific, personal and significant risk of such ill-treatment which would in its severity or extent (or because of the personal circumstances of the same…..) amount to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment" ossija " regarding allegations of breaches of human rights which will occur in the Receiving State…." Jitkompla jinghad illi "….the risk of the ill treatment ("specific, personal and significant that is substantial real") alleged must be <u>real and account will be taken of the assurances given by the authorities of the state requesting extradition to those of the state rquested</u>". F'dan il-kaz kif jidher a fol 128 u fol 130 et seq ibid kif ukoll 151 et seq ibdi, il-Prosekuzzjoni ezebiet diversi dokumenti minn fejn jirrizulta illi, f'dan il-kaz, ngiebu a konjizzjoni ta' din il-Qorti, is-segwenti fatti:-

L-Istat tal-Ukrajna qed jiggarantixxi illi l-persuna ser tkun soggetta ghal "fair trial" kif garantita minn trattati internazjonali cjoe "Il-Konvenzjoni Ewropea ghal Protezzjoni tad-Drittijiet Umani 1950 u "the International Pact on Civil and Political Rights 1966, liema trattati jifformaw parti mill-legislazzjoni nazzjonali tal-Istat rikjedenti. Inoltre l-persuna ser tkun gudikata minn Qorti ta' Gurisdizzjoni Generali u mhux ser tkun soggetta ghal trattament li jista' jhedded l-integrita fizika u mentali taggha. L-istess persuna mhux ser tigi processata, fi kwalunkwe stadju, minhabba l-opinjonijiet politici tieghu jew minhabba li jappartjeni ghal xi grupp socjali, razza, religjon jew nazzjonalita. Inoltre ser tigi detenuta, pprocessata u sentenzjata limitatament biss ghad-delitt in ezami u gie garantit ulterjorment illi mhix ser tigi processata ghal xi atti allegatament kommessi qabel din l-estradizzjoni jew ghal xi atti ohra li ma humiex trattati f'din it-talba in ezami. Mal-istess dokumenti jinstabu annessi ohrajn minn fejn jirrizulta illi l-istat rikjedenti f'dan il-kaz,

aderixxa u ffirma trattati fl-ambitu tal-Kunsill tal-Ewropa u rigward drittijiet umani u civili specjalment in rigward il-prevenzjoni ta' tortura, kif ukoll in rigward kazijiet meta membri tal-istess Kunsill intalbu sabiex jordnaw estradizzjoni lejn l-Ukrajna, liema talbiet qatt ma gew michuda minhabba ksur pruvat tad-Drittijiet tal-Bniedem avolja dan il-punt gie konsidert bir-reqqa mill-Qorti tal-istati Rimandanti. Din il-Qorti nnotat ukoll l-estratt mill-Kostituzzjoni tal-Ukrajna li saret ligi fit-28 ta' Gunju 1996 u minn fejn jirrizulta illi kull persuna ghandha d-dritt fondamentali tkun esenti minn arrest arbitrarju, li tkun rapprezentata minn assistenza legali, li jipprotegi d-drittijiet kollha tieghu kemm quddiem il-Qorti lokali kemm quddiem istituzzjonijiet gudizzjarji internazzjonali, li persuna hi presunta innocenti sakemm tigi pruvata hatja illi kkomettiet delitt. Jigi notat ukoll illi kif hemm indikat fir-rapport anness dwar drittijiet civili mahrug mill-Gnus Maghqudha, l-Kostituzzjoni tal-Ukrajna tiggarantixxi l-indipendenza tal-Gudikatura u "the human being, his life and health, honour and dignity, integrity and security are recognized in Ukraine as the highest social good" kif ukoll ir-rimedji disponibbli f'kaz ta' ksur ta' dawn id-drittijiet.

Kif jidher minn dak kollu premess din il-Qorti kkonsiderat dan il-punt altament delikat u dan sabiex jkollha l-assikurazzjoni oggettiva illi l-persuna, fl-istat rikjedenti mhix ser tkun soggetta ghal xi trattament inuman u degradanti kif ukoll jkollha l-mezzi kollha disponibbli sabiex tigi processata minn tribunal imparzjali u bil-garanziji kollha mill-aspetti kollha kif hawn fuq specifikati. Filfatt il-Qorti rat u ppercepiet illi fl-Ukrajna ma hemm <u>ebda sistema legali fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem hi b'xi mod accettata jew istituzzjonalizzata jew rampanti</u>. Dwar dan waqt li jinghad illi waqt, illi f'kull pajjiz jezisti ksur ta' tali drittijiet izda, anke fl-Ukrajna tissusisti l-protezzjoni minn dan il-ksur u hemm disponibbli rimedji anke fuq livell internazzjonali. Xorta wahda din il-Qorti ser tesigi, kif digja issemma' illi mal-wasla tieghu fl-Ukrajna ghandu jkun hemm access lill-istess persuna, minghajr kontroll, minn ufficjali tar-rapprsentanza diplomatika jew konsolat Malti fl-istess Ukrajna.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tara li hemm ebda ostaklu sabiex tigi ordnata t-treggija lura tal-persuna lejn l-awtorita gudizzjarja rikjedenti u dan sabiex jigi processat in konnessjoni mad-delitt ta' approprijazzjoni bla jedd skont il-fatti rizultanti "prima facie" mill-provi prodotti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tordna l-estradizzjoni ta' Andriy Petrovych Pashkov lejn l-awtorita gudizzjarja fl-Ukrajna sabiex jigi processat limitatament ghad-delitt ta' approprijazzjoni indebita ossija bla jedd u dan a bazi tal-provi prodotti waqt dawn il-proceduri.

In konnessjoni ma dan, l-istess Qorti tordna illi jkun hemm access ghall-istess persuna minghajr kontroll minn rapprezentant jew rapprezentanti diplomatici jew konsolari ta' Malta fl-istess Ukrajna.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 16 ta' l-istess Kapitolu 276, il-Qorti tordna li l-istess persuna tintbaghat u tinzamm f'kustodja kif ukoll qed tgharrafha li mhix ser titregga lura qabel ma jghaddu hmistax-il (15) jum mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja u li hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali u illi jekk jidhrilha li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun giet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta hija, tkun giet jew aktarx tkun ser tigi miksura dwar il-persuna taghha, hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja moghtija hi ghandha d-dritt li titlob rimedju skond l-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------